MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 513/2002/1

**Avviz Numru 513/02 AJD**
**Montaldo Insurance Agency Limited u Carlo Ragonesi u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens l wara l-kelma 'Limited' f'isem is-sojeta' attrici ghandhom jizdiedu l-kliem 'bhala agenti lokali tas-socjeta' assikuratrici estera American Home Assurance Company hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Carlo Ragonesi u l-istess".**

**vs**

**Christopher Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm888.42)

rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-23 ta' Ottubru 2000, fi Triq il-Mediterran, il-Belt Valletta meta waqt li l-konvenut kien qed isuq l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MLN 014 huwa dahal gol-vettura bin-numru tar-registrazzjonni ONE 101 misjuqa u propjeta' tal-attur Carlo Ragonesi, liema incident sehh unikament tort tal-istess konvenut. Is-somma ta' Lm815.97 thallset mis-socjeta' attrici in kwantu l-attur l-iehor Carlo Ragonesi kien assikuurat maghha taht polza "comprehensive
u s-somma ta' Lm72.45 thallset minn dan tal-ahhar ghall-kiri ta' karozza waqt li l-vettura tieghu kienet qed tissewwa.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data ttal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. Illi Montaldo Insurance Agency Limited m'humiex assikuraturi tal-attur l-iehor.
2. Fil-mertu, ghall-incident 'de quo' ma kienx jahti ghalih l-eccipjent izda s-sewwieq l-iehor Carlo Ragonesi.

Sema' x-xhieda ta' David Debono, PS 1338, Noel Apap, Carlo Ragonesi u ta' Christopher Deguara. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra d-digriet tat-3 ta' Lulju 2002 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens li wara l-kelma 'Limited' fejn hemm indikat isem is-socjeta' attrici, jizdiedu l-kliem ' bhala agenti lokali tas-socjeta' assikuratrici estera American Home Assurance Company hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Carlo Ragonesi u l-istess'.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Ottubru 2000, fi Triq il-Mediterran, il-Belt. L-attur, Carlo Ragonesi xehed li f'din id-data huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni ONE 101 fi Triq il-Mediterran, sejjer fid-direzzjoni tal-Muzew tal-Gwerra, u

malli ghadda Dar il-Mediterran, ra l-vettura tal-konvwnut gejja mid-direzzjoni opposta taqsam minn wara karozza tal-linja u tmur ghal fuq il-karreggjata tieghu. Huwa prova jevita li jahbat ma' din il-vettura billi kiser lejn ix-xellug fejn baqa' diehel fil-'cab shelter' li hemm quddiem l-Evans Building". L-atur spjega li l-konvenut wara qallu li ried jidhol gewwa l-'parking area' tal-Evans. Huwa spjega wkoll li fid-direzzjoni li kien qed jipprocedi fiha hu kareggjata wahda biss hemm u jahseb li l-konvenut ma rahx ghaliex kellu l-vizwali mghottija bil-karozza tal-linja.

Il-konvenut xehed li fid-data tal-incident kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MLN 014 fi Triq il-Mediterran, gej mid-direzzzjoni tal-Muzew Marittimu. Huwa ried jidhol fil-'parking area' li hemm quddiem l-Evans u malli kien wieqaf faccata tal-'gate' tal-Evans ra l-vettura tal-attur gejja mid-direzzjoni oppostta, is-sewwiq ta' din il-vettura ghafas il-brejk u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel f'arblu tad-dawl. Huwa jghid ukoll li l-vettura l-ohra raha gejja minn mal-gemb ta' Dar il-Mediterran u kienet tul ta' madwar awla u nofs il-boghod meta raha l-ewwel darba. Dan ix-xhud spjega li ma kienx hemm impatt bejn il-vettura tieghu u l-vettura tal-attur u meta mistoqsi mit-Tribunal x'kienet ir-raguni li baqa' fuq il-post jistenna s-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, huwa rrisponda li kien dubjuz dwar x'kellu jaghmel.

Illi t-Tribunal jinnota certu nkonsistenzi bejn il-verzjoni li ta l-konvenut 'a tempo vergine' lis-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, hekk kif rapportata fid-dokument esiit a fol. 19 et seq. u l-verzjoni li ta 'viva voce' fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2002. Fil-verzjoni li ta lis-Surgennt huwa jghid li xeghel l-'indicator' qabel ma beda l-manuvra biex jaqsam ghall-'parking area' tal-Evans u jghid ukoll li waqaf meta f'daqqa wahda  ra l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta mentri fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2002 huwa ma semma xejn dwar l-'indicator' u inoltre sostna li huwa kien wieqaf meta ra l-vettura l-ohra gejjja mid-direzzjoni opposta. Min-naha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-attur 'a tempo vergine' u dik moghtija 'viva voce' huma l-istess. It-Tribunal ghalhekk jirritjeni li l-verzjoni moghtija mill-attru Carlo Ragonesi dwar kif sehh l-incident hija aktar

kredibbli. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident 'de quo' sehh unikament tort tal-konvenut li qabad u qasam il-karreggjata li kien qed jiprocedi fiha l-attur minghajr ma zamm 'a proper lookout' biex b'hekk holoq 'a sudden emergency' lill-attur li prova jikser lejn ix-xellug sabiex jevita il-habta bil-konsegwenza li baqa' diehel fl-arblu tal-'cab shelter' . Il-fatt li l-konvenut halla l-vettura tieghu fil-post fejn kienet malli l-attur habat mal-imsemmi arblu u l-fatt li huwa baqa' fuq il-post jistenna l-Pulizija jindika li huwa dak il-hin irritjena li kien involut fl-incident u li l-manuvra li huwa ghamel setghet kienet il-kawza tal-incident.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex ikkontestat mill-konvenut u inoltrre l-istess atturi esebew l-ircevuti relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut giet sorvolata bid-digriet tat-3 ta' Lulju 2002.

Ghal dawn il-motivi, it-Triunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm888.42), bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**